# LECTIO DIVINA

# 34 ĦADD MATUL IS-SENA

# SOLENNITA' TA'

# KRISTU SULTAN TAL-ĦOLQIEN (SENA Ċ)

**Lq 23,35-43**

**[Lq:23:35] Il-poplu waqaf hemm, iħares l-kapijiet bdew jiddieħku b'Ġesù u jgħidu: "Salva lil oħrajn; ħa jsalva lilu nnifsu jekk dan hu l-Messija, il-Maħtur ta' Alla!"**

**"Il-poplu waqaf hemm, iħares":** Filwaqt li Ġesu' jinsab insultat mill-kapijiet, mis-suldati u minn wieħed mill-ħatjin, in-nies "jieqfu jħarsu" u din il-ħarsa tkompli tissemma' wkoll fit-tmiem tal-ġrajja tal-Kalvarju: "U n-nies kollha li kienu nġabru hemm biex jaraw, meta raw dawn il-ġrajja, reġgħu lura jħabbtu fuq sidirhom" (v.48). Il-verb grieg użat hu *"theorein"* li ma jindikax sempliċi ħarsa ta' kurżita' jew indifferenza, imma ħarsa ta' min hu interessat, parteċipi.

***"Salva lil oħrajn; ħa jsalva lilu nnifsu jekk dan hu l-Messija"*:** Tidher ċara l-idea li kellhom dawk li f'idejhom kienet imħollija t-tmexxja reliġjuża u kulturali tal-poplu: il-magħżul t'Alla għandu jagħraf idabbar rasu, li ma jħalli lil ħadd jirbaħlu, li jkun l-ewwel u l-aqwa. Taħt kull dnub hemm dejjem il-verita' li rridu nsalvaw aħna lilna nfusna, imma "Min ifittex isalva ħajtu, jitlifha; iżda min jitlifha, isalvaha" (17,33).

***"Salva lil oħrajn"*:** Ir-rakkont ta' Luqa juri tassew li din hija verita' (ara 7,50; 8,48; 17,19; 18,42). Imma dawk kollha li rċevew is-salvazzoni kien "minħabba l-fidi tagħhom". Il-kapijiet u s-suldati ma rnexxielomx iħarsu bl-għajnejn tal-fidi lejn dak li "ġie biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra" (Mk 10,45).

**[Lq:23:36-37] Is-suldati wkoll bdew jgħadduh biż-żmien; u resqu lejh, newwlulu nbid qares u qalulu: "Jekk inti s-sultan tal-Lhud salva lilek innifsek!" Fuq rasu kien hemm ukoll kitba li kienet tgħid, 'Dan huwa s-sultan tal-Lhud.'**

**"Jekk inti s-sultan tal-Lhud salva lilek innifsek!" :** Irrepetew dak li semgħu qabel. Kristu msallab hu "skandlu għal-Lhud u bluha għall-Griegi (pagani)" (1 Kor 1,23). Kristu huwa Re li flok li jsalva lilu nnifsu "jfittex *li* (u) jsalva l-mitluf" (19,10).

**[Lq:23:39-43] Wieħed mill-ħatjin li kienu msallbin miegħu beda jgħajjru u jgħidlu: "Int m'intix il-Messija? Salva lilek innifsek u lilna." Imma qabeż l-ieħor, ċanfru u qallu: "Anqas minn Alla int ma tibża', int li qiegħed taħt l-istess kundanna? Tagħna hija ġusta, tassew, għax qegħdin nieħdu li ħaqqna ta' kull ma għamilna; imma dan ma għamel xejn ħażin." Mbagħad qal: "Ġesù, ftakar fija meta tidħol fis-Saltna tiegħek." U Ġesù wieġbu: "Tassew ngħidlek, illum tkun fil-Ġenna miegħi."**

Ġesu' jinsab imsallab bejn żewġ ħatjin: tnejn, kif hemm żewġ aħwa, il-kbir u ż-żgħir fil-parabbola (15,11-31), Xmun il-Fariżew u l-midinba magħrufa (7,36-50)... "Ngħidilkom li, f'dak il-lejl, tnejn ikunu f'sodda waħda: wieħed minnhom jittieħed u l-ieħor jitħalla" (17,34): wieħed mit-tnejn ifittex il-ħarba mis-salib u l-ieħor ifittex is-salvazzjoni.

***"Int m'intix il-Messija? Salva lilek innifsek u lilna,":*** Qed jgħidlu mhux biss biex isalva l-ħajja bijoloġika imma wkoll id-dinjita' tiegħu. Mill-ġdid hemm "salva lilek".

***"Imma qabeż l-ieħor, ċanfru"*:**: Filwaqt li qed jaqsam il-kundanna ma' Ġesu' qed jgħin lil sieħbu jaqra l-preżent bħala opportunita' ta' salvazzjoni. Jidħol responsabbli minn sieħbu.

***"Anqas minn Alla int ma tibża', int li qiegħed taħt l-istess kundanna?... imma dan ma għamel xejn ħażin"*:** Hija l-ewwel darba li Ġesu' qed jissejjaħ Alla minn fomm bniedem. Alla jinsab ikkundannat magħhom bl-istess piena tal-mewt, għax hu "Għimmanu-El, "Alla magħna" (*ara* Mt 1,23). Jistabilixxi komunjoni u solidarjeta' anke mal-ħati, mal-imsallab, mal-misħut, mal-abbandunat.

**"*Ġesù, ftakar fija meta tidħol fis-Saltna tiegħek.""*:**

- Jaf li kien qiegħed imut, aċċetta d-dnub tiegħu u issa kapaċi jara f'Ġesu' lil Alla hekk qribu li għalkemm innoċenti qed jieħu "l-istess kundanna". Dan kien li wasslu jsejjaħ isem il- Mulej Ġesu' u jafda fil-ħniena tiegħu. L-isem Ġesu' ifisser "il-Mulej isalva": "kull min isejjaħ isem il-Mulej ikun salv" (Atti 2,21).
- Alla jinsab qrib tal-bniedem fil-post fejn dan iħossu mitluf u waħdu (ara Rum 5,7-8). Kieku niżel minn fuq is-salib Ġesu' ma kienx ikun "Alla Magħna" li jġorr fuqu t-tbatijiet tagħna. Kien ikun Sultan omnipotenti u ma setax jgħid: "M'hemmx imħabba aktar minn din, li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu" (Ġw 15,13). Ġesu' msallab huwa l-memorja quddiem il-Missier ta' kull iben mitluf, misħut u sfortunat.

- Fil-Bibbja l-memorja t'Alla u tal-poplu huma parti mill-ħajja tal-poplu. Kienu jitolbu fid-diffikulta' jfakkru 'l Alla fl-opra tiegħu ta' salvazzjoni u huwa kien jwieġeb: "Jien niftakar fil-patt bejni u bejnkom... u ma jkunx hemm iżjed l-ilma tad-dilluvju biex jeqred" (Ġen 9,15); "U Alla sama' l-krib tagħhom u ftakar fil-patt tiegħu ma' Abraham, ma' Iżakk u ma' Ġakobb" (Eż 2,24 ara wkoll Salm 105,8; 111,5 eċċ.)

***"Tassew ngħidlek, illum tkun fil-Ġenna miegħi.":*** Hija s-7 "illum" fil-Vanġelu ta' Luqa. Is-salvazzjoni mhijiex realta' futura, imma preżenti. "Illum" Ġesu' niżel tant l-isfel li ħa s-sura l-aktar mistkerrha li fiha xi ħadd jista' jasal jieħu biex jiġbor kull mitluf, biex kulħadd jista' jkollu l-ħajja. Il-Ġenna hija l-post fejn aħna nsiru għal kollox fih.

***"tkun miegħi"***: Il- mewt ***ta'*** Ġesu' u flimkien ***ma'*** Ġesu' tinbidel f'komunjoni mhux f'solitudni jew diviżjoni. Tinbidel f'tama. Kienet ix-xewqa profonda ta' Pawlu li jkun ma' Kristu: "Min-naħa l-waħda, nixtieq nintemm u nkun ma' Kristu, li jkun ħafna aħjar għalija" (Fil 1,23 ara wkoll 1 Tess 4,17-18).

L-imħabba tfisser taqsam mal-ieħor: dan huwa Kristu Kurċifiss. Minn fuq is-salib huwa jieħu fuqu l-kruha tad-dnub tiegħi, il-vojt, it-tbatija... dak kollu li jien u minn hemm huwa joffrili dak li għandu, il-maħfra, it-tama, l-imħabba... Tant li d-dixxiplu ma jibqagħlux kliem ieħor jekk mhux: "Ngħid għalija, ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesu' Kristu" (Gal 6,14).

Ġesu' jwettaq f'mewtu dak li għamel tul ħajtu kollha:li jilqa' miegħu l-midinbin (ara 15,2) Il-wiċċ ta' Kristu Sultan huwa l-wiċċ ta' qaddej ta' kulħadd, tar-ragħaj li jirgħa l-merħla tiegħu u jsejjaħ lil kull waħda b'isimha. B'din il-fiduċja nista' nasal ngħidlu kontinwament: ***Ftakar fija***.

**GĦAR-RIFLESSJONI**

***Luca sembra rivolgere un invito ai cristiani delle sue e delle nostre comunita': contemplate il re inchiodato sulla croce! Di fronte a lui diviene ridicola ogni bramosia di gloria, ogni volonta' di dominio, ogni desiderio di raggiungere i primi posti. Dall'alto della croce Gesu' indica a tutti chi e' il re scelto da Dio: e' colui che accetta l'umilianzione, che sa che l'unico modo per dare gloria a Dio e' quello di scegliere l'ultimo posto per servire il povero.... Non vogliamo credere che egli trionfa nel momento in cui perde, nel momento in cui dona la vita. Questo sovrano che regna dall'alto di una croce ci disturba perche' esige un cambiamento radicale delle scelte della nostra vita. Esige, per esempio, che si offra il perdono incondizionato a tutti coloro che ci fanno del male" (Fernando Armellini)***